**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Ottubru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Isabella Zammit, detentrici tal-Karta tal-Identità numru 355760M; u**

**Jonathan Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita numru 479187M**

Kumpilazzjoni Nru. 452/2016

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Isabella Zammit u Jonathan Zammit ċioè talli:

1. nhar is-27 ta' Mejju, 2015, u fil-jiem u x-xhur ta' wara, ġewwa Ħal-Qormi u f'dawn il-Gżejjer b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-dannu ta' Giovanna Bellizzi/l-Bank HSBC u/jew entitajiet oħra.

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Jonathan Zammit waħdu u ċioè talli:

> Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-4 t'Ottubru, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati, l-ammont tar-res furtiva u l-fatt li l-parte leza giet rizarcita in toto mill-bank li mieghu kellha l-kont registrat f'isimha. Jinghad izda li ttiehdet konsiderazzjoni ukoll tal-fedina penali tal-imputati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 31, 308, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom kif gej:

Lil Isabella Zammit ghal tnejn u ghoxrin xahar (22) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.; u

Lil Jonathan Zammit wara li rat ukoll l-artikoli 17(b), 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal 18 il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**